**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 3/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**RD**

**Vs**

**TD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RD, datat 3 ta' Jannar, 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Marzu 1996 fil-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara kif jidher fl-att taz-zwieg hawn anness u market Dokument "A";*

*Illi mill-istess unjoni twieldu zewgt itfal, JD li llum ghandu 20 sena u AD li llum ghandha 16-il sena.*

*Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u f'Lulju tal-2010 il-kontendenti sseparaw de facto u ilhom ma jghixux flimkien ghal aktar minn tmien snin.*

*Illi inoltre, ir-rikorrenti sseparaw legalment in forza ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-1 ta' Marzu 2018 (kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata Dokument "B").*

*Illi in forza tal-imsemmija sentenza, l-intimat TD gie ordnat ihallas manteniment ta' €300 ghal kull wild liema manteniment sallum ghadu jithallas puntwalment*

*skond l-istess sentenza.*

*Illi llum il-kontendenti ghandhom hajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni taghhom.*

*Illi konsegwentement jirrikorru l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja d-divorzju u l-hall taz-zwieg taghhom a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli jidrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' Ammissjoni tal-intimat TD, datata 10 ta' Mejju 2019, a fol 46 li taqra hekk:

*Li permezz taghha bil-gurament tieghu jiddikjara, illi qed jirregistra n-nuqqas ta' oppozizzjoni tieghu ghall-hall taz-zwieg celebrat minnu u r-rikorrenti u dan stante illi ma hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom u dan anke in vista tal-fatt illi huma ilhom hafna separati kemm legalment u kemm de facto u cioe sa minn qabel id-data tas-sentenza datata l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

*Illi ghalhekk jinkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, ghall-hall taz-zwieg taghhom u l-pronunzjament tad-divorzju;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**RD** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta’ Marzu 1996 u kienu ottjenew is-separazzjoni personali fl-1 ta’ Marzu 2018 permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta, wara li kien ilhom isseparati *de facto* minn Lulju 2010. Xehdet illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal versu liema jithallas manteniment b’mod regolari. Xehdet illi m’hemm l-ebda pendenzi ta’ manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba’ snin, u li m’hemm l-ebda tama ta’ rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba’ snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Marzu 1996 (Vide Dok A, fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza datata 1 ta' Marzu 2018 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) waqt li jirrizulta li ilhom separati de facto minn Lulju 2010, ghalhekk ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**